MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 696/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Paul Falzon ta' 52 sena imwieled iz-Zurrieq nhar is-16 ta' Gunju 1960, iben Rocco u Josephine nee' Zammit u residenti No.15, Triq Misrah Suffara, Rabat, Malta detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 0422060(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Paul Falzon akkuzat talli nhar it-18 ta' Gunju 2008 ghal habta ta' 8:00pm gewwa Triq Santa Katerina, H'Attard, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi permezz ta' arma irregolari, fuq il-persuna ta' Adrian Muscat minn Hal Qormi.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa permezz ta' arma irregolari fuq il-persuna ta' Adrian Muscat minn Hal Qormi skond kif iccertifikat Dr. Fabrizia Azzopardi MD Reg 3030 ta'l-Isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa H'Attard hebb ghall-Adrian Muscat sabiex jingurja, idejjaq jew ighamillu hsara.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa H'Attard kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-21 ta' Ottubru 2009 u l-artikoli tal-ligi hemmhekk indikati.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum ta'l-incident mertu tal-kawza, l-imputat, u missier l-parti leza Marius Muscat, kienu iltaqghu fl-ufficcju tal-Perit Robert Musumeci sabiex jippruvaw jissorvolaw xi disgwid li kien hemm bejniethom dwar xi hlasijiet illi l-imputat kien qed jghid illi kienu dovuti lilu in konnessjoni ma' xi xoghol ta' kostruzzjoni. Fil-laqgha qam xi argument bejniethom tant illi dina l-laqgha intemmet hesrem. Wara li Muscat, il-missier, telaq minn fuq il-post irrealizza illi ma setax isib it-telefon cellular tieghu u wahhal f'rasu illi kien l-imputat li kien hadulu. Ghalhekk ibnu Adrian ikkuntattja lill-imputat fejn l-imputat infurmah illi it-telefon ma kienx ghandu. Il-Qorti ma tistax

tifhem allura ‘il ghala Muscat (kemm il-missier kif ukoll l-iben) ighidu li huma ftiehmu illi kienu ser jiltaqghu xortawahda ir-Rabat, hdejn in-Nigret, gialdarba l-imputat kien qieghed isostni illi it-telefon cellulari taghhom ma kienx fil-pussess tieghu. Illi fil-fatt il-Qorti ma tantx temmen illi ir-raguni ghal-inkontru kien minhabba f’dana l-mobile, izda temmen dak li ighid l-imputat illi dawn in-nies ma kenux ftiehmu biex jiltaqghu mieghu, izda kienu qed isegwuh u dana in konnessjoni mal-kwistjoni tal-kontijiet li kienet inqalghet iktar kmieni fl-ufficcju tal-Perit Musumeci. Fil-fatt l-imputat jidher illi kien bezghan minn dawn in-nies tant illi hass li kellu imur jaghmel rapport gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat.

Raguni ohra inspjeggabli hija ‘il ghala involva ruhu f’dina l-kwistjoni certu Chris Gaffarena li akkumpanja lil Muscat, il-missier u l-iben ghall-inkontru li kienu ftiehmu ma’l-imputat. Li kieku verament il-kwistjoni kienet biss tirrigwarda il-*mobile phone* ta’ missier Muscat, certament ma kienx ikun hemm in-necessita illi imur kontigent nies sabiex jigi irkuprat! Ghal raguni ohra inspjeggabli, Muscat isostnu illi l-imputat, li ftit iktar kmieni kien ghamel rapport l-ghassa li qed jigi mhedded minnhom, qalilhom biex jiltaqghu mieghu mhux ir-Rabat, izda H’Attard hdejn l-ufficcju tan-Nutar Pierre Falzon. Fil-fatt fil-kors ta’l-istqarrija tieghu l-imputat jikkontendi illi beda jibza’ minn dawn in-nies tant illi spicca mar l-ghassa tal-pulizija jaghmel rapport fejn jirraporta illi huwa kien qed jigi mhedded u jitlob l-intervent tal-pulizija tar-Rabat, sabiex iwissu u jwiddbu lil dawn ta’ Muscat.[1] Is-surgent 254 Janice Giordmaina, fir-rapport taghha tghid illi ghal habta tal-erba’/il-hamsa ta’ wara nofsinhar “kien gie l-ghassa certu Paul Falzon fejn qalilna li kien ftiehem ma’ certu persuni n-Nigret u meta gew dawn il-persuni kienu heddewh li jisparawlu ...”. [2] Meta l-pulizija accedew fuq il-post indikat lilhom mill-imputat, izda, ma sabux lil dawn il-persuni li indikalhom Falzon. Ghalhekk il-WPS254 Janice Giordmiana cemplet lil Adrian Muscat u talbitu jigi l-ghassa tar-Rabat halli ttih it-twiddiba u t-twissija ghaz-

[1] Ara stqarrija ta’l-imputat Dokument NS1 a fol.18
[2] Ara xhieda tad-WPS254 Janice Giordmaina a fol.37 u rapport a fol.41

zamma tal-bon ordni. Dan Muscat jirrispondiha, u ighidilha, li hu kien qieghed ghand il-Vodafone minhabba fil-mobile li kien intiliflu, jew li kien insteraqlu u allura hi baqghet tistenna. Aktar tard, ix-xhud tispjega illi dahlitilha telfonata ohra minn ghand Paul Falzon fejn huwa infurmaha illi kien qieghed H'Attard fejn hemm kien qed jigi segwit. Dana sehh filwaqt illi huwa kien fi triqtu jiltaqa' ma' certu Andrew Baswani li mieghu kien miftiehem sabiex johorgu ghal xi *business meal*. Huwa talab lil dana Baswani sabiex jiltaqa' mieghu H'Attard hdejn l-ufficcju tan-Nutar Pierre Falzon. Hawnhekk sehh l-incident mertu tal-kawza.

Illi l-parte civile Adrian Muscat isostni illi kif wasslu fuq il-post hu nizel mill-vettura u resaq lejn Falzon sabiex jitolbu il-*mobile phone*.[3] Ighid illi hawnhekk Falzon qabad u xejjirlu daqqa ta' hadida. L-imputat madanakollu mhux hekk ighid u dana kemm meta jigi interrogat kif ukoll fil-verzjoni li jaghti lill-pulizija meta jaghmel ir-rapport l-ghassa[4]. Isostni illi filwaqt illi hu kien qed jistenna lil Baswani, Muscat, kemm l-iben kif ukoll il-missier flimkien ma' dan Gaffarenza nizzlu ghalih tant illi huwa telaq jigri u dawn in-nies bdew jigru warajh. Huwa, dak il-hin, sab xi hadida mormija, gabarha u beda ixejjer biha sabiex jiddefendi ruhu minn dina l-aggressjoni fejn laqat lil Muscat fuq rasu.

Illi l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat taghmel iktar sens u hija iktar verosimili minn dik li jaghti l-parti leza, missieru u Chris Gaffarena. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma tistax tara r-raguni 'il ghala dana Gaffarena kellu jakkompanja lill-parti leza u lil missieru sabiex jirkupraw *mobile phone*. Il-Qorti temmen illi l-intenzjoni ta' dawn in-nies kienet ohra u mhux dik illi jippruvaw igieghlu lil dina l-Qorti temmen. Fil-fatt xhud indipendenti Andrew Baswani jaghti spjegazzjoni cara ta' dak li sehh fir-realta ghaliex huwa wasal fuq il-post ezattament kif wasslet il-vettura b'dawn it-tlieta minn nies gewwa fiha. Ighid:

---

[3] Ara xhieda ta' Adrian Muscat a fol.23

[4] L-imputat jaghzel li ma jixhidx fil-kawza

**"I must say that the Pajero",(li fiha kien hemm dawn it-tlieta minn nies), pulled in at the same time with me, three (3) people came out of this car, they were shouting in Maltese. At this moment in time I saw Mr. Falzon running to the left. I must say that there is a street opposite and he tried to run towards that street. I tried to get out of the car but I could not because there was one of these men who was holding my door and I saw the other two men running after Falzon. I put dawn the window and was asking this guy" ( li huwa Chris Gaffarena), "who was holding my door, what was going on".**[5] Jidher illi Gaffarena izomm lil dan Baswani taht sekwestru tant illi zammlu il-bieba tal-karozza sabiex izommu milli johrog mill-vettura u b'hekk jimpedieh milli imur ighin lil Falzon u anke jipprova jehodlu ic-cwievet mill-*ignition key*. Ikompli ighid "**as soon as I turned round I saw Mr. Falzon hitting the man who is standing behind me today".** Jghid ukoll illi huwa ma jafx Falzon minn fejn gab dina l-hadida, **"because when I saw him originally he had nothing in his hand".** Dan jikkorobora il-verzjoni ta' Falzon li ighid illi meta dawn it-tnejn minn nies gew jigru warajh huwa qabad hadida li sab mormija u beda ixejjer id-daqqiet biha. Wara dan l-imputat jahrab minn fuq il-post u il-parti leza, issa ferut, jiddahhal fil-vettura u dawn it-tlieta minn nies isuqu minn fuq il-post.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta' dawn il-provi, l-imputat ghalhekk iressaq bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza u cioe' illi huwa ireagixxa minhabba l-agressjoni li kienet gejja min-naha ta' Muscat, missieru u Gaffarena. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

---

[5] Ara xhieda ta' Andrew Baswani a fol.36

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista’ tigi applikata. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta’ Jannar 1995 inghad:

“***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b’success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe’ theddid ta’ xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b’xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista’ jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima.”***

Dwar l-element ta’ l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):

**"*The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means*.”**

Illi ukoll fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa (Appell Kriminali Superjuri deciza 16/102003)** jinghad:

**“Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta’ l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta’, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta’, billi jaghmel manuvra jew pass f’direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa’ ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b’daqshekk ma jigix nieqes l-element ta’ l-inevitabilita.”**

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Qorti tqis illi l-elementi indikati hawn fuq jirrizultaw f’dana il-kaz. L-imputat kien ghadu kemm kellu argument ma’ Marius Mucsat fl-ufficcju tal-perit Robert Musumeci. Jidher , anke mix-xhieda ta’ Mario Vella, l-foreman li kien qed jakkompanja lill-imputat ghal dina l-laqgha, illi f’hin minnhom Muscat beda ighajjat u qabad xi siggu u tefghu fid-direzzjoni taghhom. B’hekk l-imputat u Vella jitilqu mil-ufficcju tal-Perit Musumeci minhabba f’dina l-aggressjoni. Ma hemmx dubbju ghalhekk illi Marius Muscat kien irrabbjat ghall-imputat. Di piu huwa dahhalha f’rasu illi l-imputat kien hadlu it-telefon cellulari li kien ghadu kemm xtara ftit taz-zmien qabel. Muscat iqabbad lil Perit Musmeci icempel lill-imputat u jistaqsieh ghal dana il-*mobile phone*, izda l-imputat iwiegeb illi dan ma kienx fil-pussess tieghu. Marius Muscat izda ma jemmnux u ghalhekk wara li jitlaq mil-ufficcju tal-Perit Musumeci igib ir-rinforzi u cioe’ lil ibnu Adrian u lil Chris Gaffarena. Adrian Muscat issa icempel lill-imputat u ighidlu biex jirritornalhom il-*mobile phone*. L-imputat jerga ighidlu li dan ma kienx fil-pussess tieghu. Jidher illi hawnhekk l-imputat ighid illi beda jigi mhedded minn Muscat tant illi imur jaghmel rapport l-ghassa tar-Rabat u ighidlhom sabiex iwissu lil Muscat biex ihallieh bi kwietu. L-imputat

nel frattemp kien ftiehem ma' Andrew Baswani sabiex imorru ghal xi *business meal* ma' xi bankier aktar tard. Jidher illi huwa kien ftiehem li ser jiltaqa' ma' dana Baswani vicin l-isptar Monte Carmeli, izda billi l-imputat jinnota lli qed jigi segwiet minn Muscat huwa icempel lil Baswani u ighidlu biex jiltaqa' mieghu hdejn l-ufficcju tan-Nutar Pierre Falzon. Hawn huwa jerga'icempel l-ghassa tal-pulizija fejn jirraporta li qed jigi segwiet. Filwaqt illi huwa ikun qieghed jistenna lil Baswani H'Attard, jasslu bil-vettura taghhom Muscat u Gaffarena. F'dan il-hin jasal ukoll Baswani li jara lil Falzon qed jistennieh u jinnota illi f'dan il-mument l-imputat ma kellu xejn f'idu. Dawn it-tlett irgiel jinzlu mil-vettura u imorru dritt ghal fuq l-imputat biex jaggreduh. Gaffarena izomm lil Baswani milli johrog mil-vettura tieghu biex imur ighin lill-imputat. L-imputat sadanittant jitlaq jigri biex jipprova jahrab izda Muscat, kemm il-missier kif ukoll l-iben jitilqu jigru ghal warajh. Hawnhekk l-imputat isostni illi sab bicca hadida mormija u f'dak il-hin gabarha u uzaha sabiex jiddefendi ruhu. Hekk kif dawn in-nies jasslu fuqu biex jaggreduh huwa ixejjer dina il-hadida u jolqot lil Adrian Muscat fuq in-naha ta' wara ta' rasu. Bil-biza huwa jahrab jigri minn fuq il-post, jibqa jigri sakemm iwaqqaf persuna u ighidlu sabiex iwasslu sal-ghassa tal-pulizija fejn hemmhekk imur jaghmel rapport u jistqarr mal-ewwel illi huwa kien xejjer daqqa lil dina l-persuna.

Illi minn hawn johrog car illi l-imputat kien imbezza minn dawn in-nies li kienu qed ihedduh u isegwuh.  Dana huwa rifless fir-rapporti illi huwa jaghmel mal-pulizija ftit tal-hin qabel jigi aggredit. Huwa ipprova jahrab meta jara lil dawn in-nies jigru fid-direzzjoni tieghu. F'dana il-mument ta' paniku huwa josserva bicca hadida mormija u jigborha u jibda ixejjriha minghajr xi intenzjoni specifika li jolqot lil xi hadd izda iktar biex jipprova ibezza lil dawn in-nies milli ikomplu jersqu vicin tieghu. Illi l-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-ferita li garrab Muscat tinsab fuq in-naha ta' wara ta' rasu u mhux fil-parti frontali tieghu. Illi Muscat stess ighid illi kif resaq lejn l-imputat u dan gholla l-hadida huwa baxxa rasu u ghamel idejh fuq rasu u kien f'dan il-mument illi l-imputat laqqtu bil-konsegwenza li ghalhekk il-ferita giet fuq in-naha ta' wara ta' rasu u mhux fuq quddiem.

Illi inoltre, ghalkemm dawn it-tlieta minn nies ma jidhrux li kienu b'xi mod armati, madanakollu l-imputat kellu kull ragun jibza' ghal inkoluminita' tieghu innifsu tenut kont illi l-aggressjoni kienet gejja minn tlieta minn nies u hu kien wahdu. Di piu' l-istatura fizika ta' dawn in-nies meta imqabbla ma dik ta'l-imputat ukoll wahedha hija sufficjenti biex tnissel il-biza illi aggressjoni minnhom kienet ser twassal ghal hsara irreparabbli fuq il-persuna ta'l-imputat. Jidher ghalhekk illi fil-mument illi Muscat irnexxielu jilhaq lill-imputat u kienu ser jaggreduh billi kif ighid hu stess kien anke beda ixejjirlu xi daqqiet l-imputat iddefenda lilu innifsu. Ma hemmx dubbju illi dina l-agressjoni kienet wahda ingusta, gravi u inevitabbli li iggib maghha l-impunita'.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214 u 223 tal-Kapitolu 9 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taqta u tiddeciedi billi tiddikjara illi r-reat addebitat lill-imputat huwa wiehed gustifikat u non-imputabbli abbazi ta' legittima difeza u kwindi tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------